## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# K 340/2017/2: IL-PULIZIJA (SPETTUR LARA BUTTERS) V. RENALD AQUILINA (KI. 0167796M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Lulju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet segwenti maħruġa fil-21 ta' Awwissu 2017 (it-tielet waħda ġiet miżjuda b'talba tal-Prosekuzzjoni milqugħa mill-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2017) kontra Renald Aquilina, ta' 21 sena, iben Christopher u Rita nee, Agius mwieled Pieta' fit-28 ta' Marzu, 1996 u residenti 107 Grace, Fl1, Triq Tas-Sliema, Gżira, detentur tal-karta tal-identità numru 167796M (hawn imsejjaħ "l-imputat"):

**"Talli nhar is-16 ta' Settembru, 2016 għall-ħabta tat-20:15 hrs ġewwa Triq ix-Xatt, Sliema:**

**1. Waqt li kont qed issuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBV-089 ta' għamla Peugeot b'nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajt ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Moira (Mary Dolores) Cauchi hekk skond kif iċċertifika Dr Attard Biancardi Med Reg 3124 mill-Isptar Mater Dei.**

**2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi soqt vettura tal-għamla Peugeot bin-numru tar-reġistrazzjoni CBV-089 b'manjiera bla kont, b'manjiera traskurata u perikoluża.**

**3. U aktar talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajt ħsara f'vettura DNA241 għad-detriment ta' Andrew Albanozzo u/jew entitajiet oħra.**

wara li rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena stabbilita skont il-liġi, tordna l-iskwalifika ta' kull liċenzja tas-sewqan fil-konfront ta' Renald Aquilina għal dak il-perijodu ta' żmien li din il-Qorti jidhrilha xierqa,

wara li rat li l-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

wara li rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversement presjeduta, tal-25 ta' April 2023 (hawn imsejjħa ukoll "l-Ewwel Sentenza"),

wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-13 ta' Marzu 2024 li permezz tagħha *inter alia* dik il-Qorti iddeċidiet li tannulla s-sentenza appellata u ordnat r-rinviju tal-atti lil din il-Qorti sabiex l-imputat jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi,

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti diversement presjeduta tat-3 ta' April 2024 li permezz tagħha astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skont il-liġi,

wara li rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni tal-STO Prim Imħallef tal-11 ta' April 2024,

wara li rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għall-15 ta' Mejju 2024 u nżammu seduti ukoll fit-12 ta' Diċembru 2024, 28 ta' Jannar 2025, 25 ta' Marzu 2025 u 6 ta' Mejju 2025,

wara li rat li fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2024, il-Prosekuzzjoni, *parti offiża* u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa tisma' x-xhieda li tressqet quddiem din il-Qorti diversement presjeduta qabel ma ngħatat l-Ewwel Sentenza, inkluż provi dokumentarji,

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2025, bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni, *parti offiża* u d-Difiża, l-imputat ippreżenta ittra flimkien ma kopja tagħha sabiex din tiġi mgħoddija lill-*parti offiża,* f'liema rigward però sussegwentement u ċioe fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2025 l-avukat tal-*parti offiża* stqarr illi din indikatlu li ma kellha l-ebda interess li taqra l-kontenut tagħha u għalhekk ġiet irritornata lura lid-Difiża,

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2025, bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni, *parti offiża* u d-Difiża, il-Qorti ordnat li jiġi ppreżentat *social inquiry report* aġġornat wara dak li kien ġie ippreżentat quddiem din il-Qorti diversement presjeduta qabel ma ngħatat l-Ewwel Sentenza,

wara li semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Noelene Cassar mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2025 u rat is-*social inquiry report* ippreżentat minnha fl-istess seduta,

wara li rat li fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2025 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tenna din l-ammissjoni wara li l-Qorti kienet ipposponiet il-kawża għal ftit ħin sabiex iqis il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni li ġew spjegati lilu u sabiex jerġa' jaħsibha,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena li saret bil-fomm fl-istess seduta:

- għan-nom tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Rachel Aquilina,
- għan-nom tal-*parti offiża* mill-Avukat Dr. Joe Giglio,
- għan-nom tal-imputat, mill-Avukat Dr. Charles Mercieca,

wara li rat l-atti u d-dokumenti kollha,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Qorti tara li jkun propizju li tislet is-segwenti brani mill-Ewwel Sentenza li ġiet ippronunzjata minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-25 ta' April 2023:

> "**Ikkunsidrat**
>
> Doris Serpina Sciberras xehdet fit-30 ta' April, 2019 fejn ezebiet il-Proces Verbal.
>
> **L-Ispettur Lara Butters** xehdet fit-30 ta' April, 2019 li kienet Duty fis-16 ta' Settembru, 2016 gewwa l-ghassa tal-Imsida fejn giet infurmata ghall-habta tal-8.30 pm li sehh incident go Triq ix-Xatt, tas-Sliema u li giet imtajjra persuna feminili li kienet fil-periklu tal-mewt. Irrizulta li l-vittma kienet Moira Cauchi ID 529265(M) Meta waslet fuq il-post tal-incident il-midruba kienet diga ittihdet l-isptar u fuq il-post sabiet ix-xufier Renald Aquilina li gharfet fl-awla li kien qed isuq vettura CBV 089. Fuq il-post kien hemm ukoll il-vettura ipparkjata DNA241 li kellha diversi hsarat. Lill-imputat kien sarlu breathalyzer test dok LB li irrizulta fin-negattiv. Hi kienet infurmat l-Magistrat tal-ghassa illum Imhallef Dr Anthony Vella u inhattru diversi esperti u eventwalment inhargu l-akkuzi fil-konfront tal-imputat.
>
> **RPC 3178 David Sant** xehed fit-30 ta' April, 2019 li fis-16 ta' Settembru, 2016 kien Surgent 778 u ittajjar xi hadd fuq iz-zebra crossing/ pedestrian go Triq ix-Xatt, Sliema u esebixxa r-rapport tieghu Dok DS1. Il-midruba kient ghadha fuq il-post meta mar hu u kienet ittajret minn lane ghal ohra. Il-vettura li kienet tajret lill-midruba kienet mxiet diversi metri wara l-incident. Gie muri l-pjanta a fol 16 tal-proces verbal u indika z-zarbuna tal-vittma li kient fuq il-lane l-ohra minn fejn

kien hemm l-vettura tal-imputat. Ikkonferma li l-pjanta kient tirrifletti dak li rahha meta mar fuq il-post hlif li il-vittma ittiehdet b'ambulanza minn fuq il-post. Il-vettura Citroen irrizulalu li kient ipparkjata u qalghet daqqa mill-Peugeot. Il-midruba ittajret hdejn il-Pelican lights u l-Peugeot spiccat fejn tidher fil-pjanta.

**Sharon Baldacchino** xehdet fit-30 ta' Apri, 2019 li fis-16 ta' Settembru, 2016 kienet f'The Strand Sliema fuq in-naha tal-bahar mal-parte Civili Moira Cauchi. Kienu fuq it-traffic lights u waqfu l-karozzi u bhekk bdew jaqsmu izda kienu ghadhom fuq il-bus lane u giet karozza b'velocita' mhux hazin u f'daqqa rat lil Moira Cauchi ittir u tispicca over the central strip fuq in-naha l-ohra quddiem ir-restoranti. Il-vetturi li waqfu kienu fuq l-outer lane. Mhux zgura f' liema lane kienet ghaddejja l-vettura li tajret lil Moira Cachia. Huma kienu fil-Bus lane. Meta rat il-vettura gejja hi ingibdett lura izda lil Moira Cachia laghqtitha.

**Stephen Cachia** xehed fit-30 ta' April, 2019 in rappresentanza ta Transport Malta fejn qal li l-vettura CBV 089 kienet registrata fuq Rita Agius ID 288663. Renald Aquilina ID 167796 kellu licenzja tas-sewqan katigorija B mahruga fit-12 ta' Jannar, 2016. Ezebixa Dok SC.

**Owen Ciantar** xehed fit-30 ta' April, 2019 fejn stqarr li hu qed jixhed in rappresentanza ta' Atlas Insurance bhala surveyor u ghamel survey fuq il-vettura DNA 241 li saret fl-20 ta' Settembru, 2016 li kellha diversi hsarat u mid-danni wasal ghall-konkluzjoni li kienet ipparkjata fil-mument tal- impatt. Il-hsara huma ta' four thousand two hundred u xi cents (Euro 4200.00) Dok OC.
Fil-19 ta Frar, 2020 kien xehed ulterjorment li l-vettura kienet beyond economical repair u l-valur taghha kien ta' elfejn u sitt mitt ewro (Euro 2600).

**Dr Mark Attard Biancardi** xehed fl-20 ta' Jannar, 2020 izda x-xhieda tieghu mhux in atti.
Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2020 il- partijiet qabblu li l-griehi sofferti mill-parti civili kienu kienu gravi per durata u permanent ai termini tal-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2021 regghet saret riferenza ghad-dikjarazzjoni tal-20 ta' Jananr, 2020 u in vista tal-istess l-prosekuzzjoni u l-parte civili irrinunzjaw ghall-htiega tax-xhieda ta Dr Attard Biancardi.

**Peter Cauchi** xehed fit-8 ta' Ottubru, 2020 fejn hu stqarr li hu r-ragel ta' Moira Cauchi u spjega l-qaghda fizika u medika tal-mara tieghu u kif l-istess incident affetwa l-familja kollha. Sad-data tax-xhieda minn Bank Manager spiccat ma tafx tikteb, ma tahdimx fil-kariga li kellha u short memory. Speech thereapy li ghadu 'l boghod, titghallem taghraf lill-familja, ma kenitx taf tiekol, titghallem tmur il-bathroom. Sabu ghajnuna shiha mill-Bank fejn ghada tahdem sallum izda issa ma tistghax tkopri il-kariga ta manager izda iccekcek.

**Moira Cauchi** ippruvat tixhed fit-8 ta' Ottubru, 2020 izda ma kenitx f'posizzjoni li tixhed.
**Dr Alessia Zammit McKeon** xehdet fil-5 ta Mejju, 2022 in rappresentanza ta' Atlas Insurance PCC Ltd fejn iddikjarat li fl-4 ta' Jannar, 2018 intlahaq ftehim mill-aspett civili ma Peter u Moira konjugi Cauchi fejn Atlas Insurance PCC Ltc kienet l-assikuratrici tal-vettura CBV 089. Dan kien ftehim bonarju.

**Ikkunsidrat**

**Il-Perit Richard Aquilina** espleta l-inkarigu tieghu bhal espert tal-Qorti u r-rapport tieghu li jikkonsisti f' pjanta u konstatazzjonijiet rigwardanti x-xena tal-incident de quo li jinstab a fol 12 et seq tal process verbal It taxxa tieghu tammonta ghal – mitejn hasa u seghin euro u tmienja u erbghin centezmu( 275.48) fol 18.

**WPC 369 Stefania Cassar** ezebiet ir-rapport taghha a fol 87 et seq tal-proces verbal liema rapport jikkonsisti f' diversi ritratti. It-taxxa tammonta ghal mija u sitta u sebghin euro u sitta u sittin centezmu (176.66)fol 90.

**Dr Mario Scerri** espleta l-inkarigu tieghu bhala espert tal-Qorti u r-rapport tieghu rigwardanti l-istat mediku ta' Moira Cauchi jinstab ezebiet a fol 71 et seq tal- process verbal u t-taxxa tammonta ghal erba' mija u u erbgha u tletin euro u disghin centezmu ( 434.90) fol 86.

**Mario Buttigieg** espleta l-inkarigu tieghu bhal espert tal-Qorti fejn zamm diversi seduti , semgha diversi xieghda , acceda fuq il-post tal-incident u ezamina l-vettura CBV 089 kemm waqt l-access u fil-garage tal- pulizija u fejn irrizulta li kemm il-brejkijiet u l-isteering system kien qed jahdem sew ( fol 44 proces verbal) u r-rapport tieghu jinstab ezebit a fol 21et seq tal-proces verbal. T-taxxa tammonta ghal seba, mija u sitta u disghin euro u erbgha u sebghin centezmu (796.74). a fol 49.

**Noelene Cassar** espletat l-inkarigu taghha u hejjiet Social Inquiry report li gie ezebiet fil-25 ta Ottubru, 2022 u fl-istess udjenza ix-xhud elaborat fuq l-istess rapport Dok NC. U hi ikkonkludiet li ghandha tigi indirizzata l-problema ta' uzu ta' sustanzi kif ukoll jesplora ghajnuniet psikoligici u /jew psikjatrici.

**Ikkunsidrat**

Illi irrizulta li Moira Cachia kienet qed taqsam fuq Pedestrian Crossing fis-16 ta' Settembru, 2006 go Triq ix-Xatt Gzira meta intlaqtet mill-vettura CBV-089 misjuqa mill-imputat. Id-dinamika tal-incident jidher car mix-xhieda ta' Sharon Baldacchino. Ix-xhieda ta' RPC3178 David Sant

jindika car dak li ikkostata meta acceda fuq il-post tal-incident filwaqt li l-Pjanta tal-Perit Richard Aquilina u r-ritratti ta' WPC369 Stefania Cassar ukoll juru dak li ikkostataw waqt li kienu qed jesplikaw l-inkarigu taghhom.

L-espert Mario Buttigieg acceda fuq il-post tal-incident, semgha x-xiehda u wasal ghall-konkluzjonijet li kienu jezistu bizzejjed elementi sabiex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat. Rigwardanti l-operat tal-espert Mario Scerri, aggunt mall-konstatazzjonjiet tieghu dwar l-istat mediku ta' Moira Cachia hemm ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2020 fejn qabblu li l-griehi sofferti mill-parti civili kienu gravi per durata u permanenti ai termini tal-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

In kwantu ghall- ewwel imputazzjoni dwar ir-reati li qed jigu addebitati lill-imputat taht l-artikolu, 225, u 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad l-ewwelnet li jidher ampjament ippruvat li Moira Cauchi garbet griehi permanenti ai termini tal- artikolu 218(1) (a) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti trid tikkonsidra jekk l-imputat huwiex responsabbli ghal incident minhabba nuqqas ta' hsieb, jew ghal traskuragni jew ghal nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoniew ghal xi nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat-traffiku.

Illi irrizulta car li l-imputat kien qed isuq go built-up area kif ukoll meta kien ser javvicina Pedestrian Crossing bi speed inkonsult. Skond l-espert Mario Buttigieg, a fol 43 tal-process verbal, kien qed isuq belocita' minima ta' mija u ghaxra (110kfs) kilometri fis-siegha. Rizultat ta' dan l-istess speed sabiex ma setghax jara dak li kien " in plain sight" ( App Krim Il-Pulizija vs Joseph Vella " (10/8/1963) u ma jzommx " proper lookout" ( Appell Kriminali Il-Pulizija vs JM Laferla 17/6/1961).

Illi irrizulta car li l-imputat kien qed isuq go Built-up area kif ukoll meta kien ser javvicina Pedestrian Crossing bi speed inkonsult u irrizulta car ukoll li Moira Cauchi kienet fuq il-**pedestrian crossing** meta giet milquta mill-imputat u cioe, ezattament minn fejn suppost kellha taqsam.

Dan kollu jirrizulta car mill-pjanta tal-Perit Richard Aquilina ( fol16) u mir-ritratti ta' WPC 369 Stefania Cassar (fol91 sa fol 116) fejn jirrizulta li l-imputat spicca wara the agony of the collision 'l boghod mill- punt tal-impatt. Inoltre, li Moira Cachia ittajret fuq il-karreggjata opposta oltre ic-central strip u ukoll wara hbit gol- vettura DNA 241.

Hemm ukoll ix-xhieda ta' Sharon Baldacchino (fit-30 ta' April 2019) sar id-dinamika tal-incident fejn xehdet b'mod car kif hi u Moira Cauchi kienu fuq it-traffic lights u waqfu l-karozzi u bhekk bdew jaqsmu izda kienu ghadhom fuq il-bus lane u giet karozza b'velocita' mhux hazin u f'daqqa rat lil Moira Cauchi ittir u tispicca over the central strip fuq in-naha l-ohra quddiem ir-restoranti.

Rigwardanti t-tieni akkuza u l-artikoli 15(1) (a) u 15 (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-Pulizija vs Kevin Caruana (Qorti ta' Appell Inferjuri per Imhallef Joseph Galea Debono 3/4/2003) u " is-sewqan hux I) negligenti, jew ii )bla kont jew iii) perikoluz hu kwistjoni ta "degree" u kif jidhru wara xulxin huma l-iskala – l- aghar is-sewqasn perikoluz. Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz irid ikun hemm bzonn certa grad ta' recklessness. Recklessness giet dfinita bhala wilfully shutting one's eye. Sewqan negligenti ifisser nuqqs ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita sinistri stradali"

Mis-sewqan ikkonsult tal-imputat jidher car li hu kien qed isuq b'mod perikoluz.

Rigwardanti t-tielet imputazzjoni dan jirrizulta minn minn dak li diga inghad aktar fuq kif ukoll mix-xhieda ta' Owen Ciantar.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kas il-Qorti tqis li hi idoneja piena karcerarja sospiza tenut kont tal-eta' tal-imputat fil-mument tal-incident u s-sitwazzjoni tieghu li hargu sew mill-Social Inquery report u s-suggeriment li jinhareg Treatment order biex tigi indirizzata l-problema tieghu tal-vizzju tad-droga.

Mill-proces verbal jirrizultaw dawn l-ispejjes peritali

| | Fol Proces Verbal | Euro |
|---|---|---|
| Dr Mario Scerri | fol 86 | 434.90 |
| Perit Richard Aquilina | fol 18 | 275.48 |
| Mario Buttigieg | fol 49 | 796.74 |
| WPC 369 S Cassar | fol 90 | 176.66 |
| | **Total** | **1683.78** " |

2. Fl-Ewwel Sentenza din il-Qorti diversement presjeduta imbagħad għaddiet għad-deċiżjoni segwenti:

> **“Decide**
> Ghaldaqstant l-Qorti ghal dawn il-motivi kollha issib lil Renald Aquilina hati tal- imputazzjonijet kollha u wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 90 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 17,31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat komplessivament sena (1) habs sospizi ghal erba’ (4) snin ai termini tal-Artikolu 28B tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta , sospensjoni tal-Licenzji kollha tas-sewqan ghal terminu ta ‘tlett snin (3), multa ta’ elf u mitejn euro (1,200), hlas tal-ispejjes tal-esperti ammontanti ghal elf u sitt mijia u tlieta u tmenin euro u tmienja u sebghin centezmu (1,683.78) kif ukoll qed torna li jinhareg Treatment Order ai termini tal-artikolu 412(D) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront tal-imputat ghal tul ta’ tlett(3) snin biex tigi indirizzat il-vizzju tieghu tad-droga.
>
> Il-Qorti spjegat b’mod car il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.
>
> Il-Qorti ordnat li kopja ta’ din is-sentenza ghandha tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation and Parole.”

3. L-imputat u l-Prosekuzzjoni appellaw minn din is-sentenza (limitatament fir-rigward tal-piena). Il-Qorti sejra tislet ukoll mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-13 ta’ Marzu 2024:

> **“Ikkunsidrat**
>
> Illi din il-Qorti setgħet tinnotta illi l-appellant/appellat Renald Aquilina ġie akkużat fost oħrajn bl-Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Madankollu, fid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ġie ċitat l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta’ Malta. Filwaqt li Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta hija l-Kodiċi Kriminali, il-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta’ Malta hija l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali. Għaldaqstant, il-Kapitolu tal-Liġi korrett li kellu jiġi ċitat huwa l-Kapitolu 9 u mhux il-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta’ Malta. In oltre, L-Avukat Ġenerali, fl-Artikoli tiegħu datati d-19 ta’ Frar, 2020 a fol. 120 tal-proċess, niżżel illi jidhirlu illi mill-Kumpilazzjoni tista’ tinsab ħtija taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Sussegwentament, fid-deċide tagħha l-Qorti wkoll għamlet referenza għall-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta li jitratta dwar l-omiċidju involontarju. Madankollu, mill-atti ma jirriżulta l-ebda omiċidju nvolontarju! Saħansitra fis-seduta datata l-20 ta’ Jannar, 2020 kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-parte civile sofriet ġrieħi gravi u permanenti, w għalhekk anke l-Avukat Ġenerali kien konxju li ma kienx hemm omiċidju involontarju. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti kwotat Artikolu tal-liġi li ma setgħetx issib lil appellant/appellat Renald Aquilina ħati tiegħu...

> ... Illi f'dan il-każ, kif diġa ġie ritenut *supra*, L-Ewwel Qorti, fid-deċide, minflok iċċitat l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iċċitat l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu li lanqas biss jeżisti. In oltre, l-Ewwel Qorti għamlet ukoll referenza għall-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fid-deċide, li jitkellem dwar l-omiċidju involontarju, reat li lanqas biss jirriżulta mill-atti proċesswali u għalhekk ma tistax issib ħtija tiegħu.
>
> Illi pero' dan ma jwassalx għall annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti iżda n-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mil-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjetament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

4. Il-Qorti tal-Appell Kriminali imbagħad għaddiet għad-deċiżjoni segwenti:

> "Għal dawn il-motivi din il-Qorti qedgħa tannulla s-sentenza tal-Ewwel Qorti w, biex ma tipprivax lill-partijiet mil-benefiċju tad-*"doppio esame"*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant/appellat Renald Aquilina jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi."

5. Kif ingħad iżjed 'l fuq, din il-Qorti diversement presjeduta wara li rċeviet l-atti lura għandha, tat digriet fit-3 ta' April 2024 li permezz tiegħu astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża u bagħtet l-atti lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skont il-liġi. Sussegwentement l-atti ta' din il-kawża ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni tal-STO Prim Imħallef tal-11 ta' April 2024.

6. Din il-Qorti għad li ma' kelliex il-benefiċċju li tisma' x-xhieda quddiemha, madanakollu qrat it-testimonjanza traskritta tagħhom u fliet l-atti proċesswali.

7. Fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2025 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tenna din l-ammissjoni wara li l-Qorti pposponiet il-kawża għal ftit ħin sabiex iqis il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni li ġew spjegati lilu u sabiex jerġa' jaħsibha.

**Kunsiderazzjoni dwar il-piena**

8. Il-Qorti tibda biex tistqarr dak li għandu jkun ovvju: li dan kien każ ta' sinistru stradali kkawżat b'sewqan spavald u rresponsabbli min-naħa tal-imputat. Mill-atti jirriżulta illi l-inċident stradali tas-16 ta' Settembru 2016 seħħ għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija seħħ ġewwa Triq ix-Xatt , Sliema , quddiem it-Tre Angeli Restaurant , meta l-imputat kien qed isuq il-vettura rreġistrata fuq ommu tal-għamla Peugeot , mudell 406, bin-numru ta' reġistrazzjoni CBV 089. It-temp kien tajjeb u ċar u l-viżibilità' kienet waħda tajba, waqt li t-triq kienet xotta. L-imputat kien qed isuq fuq il-bus lane, b'veloċità' għolja , fl-akkwati tal-Gżira. Min-naħa l-oħra, Moira Cauchi , flimkien mal-ħabiba tagħha Sharyn Mary Baldacchino , qasmu t-triq minn fuq waħda mill-erba' pedestrian crossings li hemm ġew dawn l-akkwati. Kif il-vetturi li kienu għaddejja li kienu fuq in-naħa tax-xellug tat-triq waqfuhom sabiex jippermetulhom biex jaqsmu huma niżlu fit-triq u bdew jaqsmu. Waqt illi kienu qed jaqsmu, il-vittma , u ċioe' Moira Cauchi , spiċċat milquta , waqt li Baldacchino, li lemħet li l-vettura li kienet ġejja ma għamlet ebda manuvra sabiex tieqaf , għamlet pass lura , biex b'hekk evitat li tiġi milquta wkoll. L-imputat kien qed isuq b'veloċità' ta' <u>**aktar minn mija u għaxra (110 kfs) kilometru fis- siegħa**</u>, qabel l-impatt. La nstabu *break marks* u lanqas *skid marks* fuq ix-xena tal-inċident.

9. L-impatt fuq il-parti offiża Moira Cauchi (li dakinhar kellha 51 sena) kien devastanti fuq is-saħħa tagħha. Hija sofriet ġrieħi ta' natura gravi konsistenti *inter alia* fi fratturi f'diversi postijiet f'ġisimha inkluż f'wiċċha, f'għonqha, fil-kranju u l-moħħ, fis-sinsla ta' dahra, fit-*tibia* u fl-għadam tal-*pelvis,* b'dan li għamlet żmien rikoverata fit-Taqsima tal-Kura Intensiva f'qagħda kritika sakemm wara xi xhur ġiet trasferita fin-*neurosurgical ward* biex tkompli tiġi rikoverata u imbagħad eventwalment xi sena u xahrejn wara l-inċident ġiet trasferita lura lejn id-dar.

10. Fl-intervista li għamlet <u>**Noelene Cassar**</u> (Uffiċjal tal-Probation) ġewwa r-residenza tal-konjuġi Cauchi fit-<u>13 ta' Ġunju 2022</u> bħala parti mis-*social inquiry report* tagħha li ppreżentat fil-25 ta' Ottubru 2022, ingħad *inter alia* illi:

> "Għalkemm waqt l-intervista s-Sinjura Moira Cauchi kienet preżenti, kien is-Sur Peter Cauchi li beda jitkellem f'ismha minħabba l-fatt li wara l-inċident li seħħ nhar is-16 ta' Settembru 2016, Moira baqgħet issib diffikultà sabiex tartikola l-kliem… Il-ħajja tagħha ġiet affettwata kompletament. Qabel seħħ dan l-inċident, hija kienet ikkunsidrata bħala s-sapport tal-familja, fejn barra li kienet taħdem bħala *bank manager*, kienet ukoll tieħu ħsieb lit-tfal u d-dar. Wara l-inċident, il-folja nqalbet u Moira spiċċat għandha bżonn is-sapport mingħand dawk ta' madwarha bażikament sakemm tintemm ħajjitha. Qabel kellha l-libertà sabiex tagħmel dak kollu li tixtieq qalbha, iżda illum hija spiċċat tiddependi ħafna fuq in-nies ta' madwarha. Għalkemm

illum il-ġurnata rkuprat xi ftit, xorta għadha pjuttost limitata minn dak li hi kapaċi tagħmel...Tajjeb li jingħad li waqt din l-intervista s-Sinjura Cauchi dehret li bdiet taqbel ma li beda jgħid is-Sur Peter Cauchi."

11. Meta imbagħad l-istess uffiċjal tal-*probation* għamlet intervista oħra fir-residenza tal-konjuġi Cauchi fit-<u>18 ta' Marzu 2025</u> bħala parti mis-*social inquiry report* aġġornat tagħha li ppreżentat fil-25 ta' Ottubru 2022, din qalet *inter alia* hekk:

"Tajjeb li jissemma li, għalkemm waqt l-intervista s-Sinjura Moira Cauchi kienet preżenti, kien is-Sinjur Peter Cauchi li beda jitkellem f'ismha minħabba l-fatt li riċentement is-Sinjura reġgħet iffaċċjat sensiela ta' problemi fis-saħħa tagħha, u dan wassalha sabiex fil-preżent mhijiex f'pożizzjoni li tartikola l-ebda kliem. Ġie rrimarkat li wara l-inċident li seħħ nhar is-16 ta' Settembru 2016, is-saħħa ta' Moira, minkejja li għal xi żmien bdiet sejra għall-aħjar, issa marret lura...

... Dakinhar tal-ewwel intervista, is-Sinjur Cauchi kien saħaq li Moira kienet għadha tattendi għal sessjonijiet ma' psikologista u kif ukoll għand terapista tal-ispeech, fejn kienet għadha ġabet 20% mill-vokabularju lura. Fl-intervista li saret speċifikament għal dan ir-rapport, jidher li s-saħħa ta' Moira kompliet tiddeterjora. Is-Sur Cauchi saħaq fil-bidu tal-2024 beda jinnota li martu, fejn qabel kienet reġgħet bdiet tagħmel l-affarijiet bażiċi tal-ħajja ta' kuljum, qisha bdiet titgerfex u ma baqgħetx tagħmel l-affarijiet kif suppost. Fit-18 ta' Marzu 2024, Moira ttieħdet l-isptar u dan wara li s-Sur Peter saħaq li kienet inqatgħetilha vina minn moħħha, fi kliemu "like a stroke". Intant, it-terminu użat fil-case summary tal-isptar Mater Dei kien li d-dijanjosi hi "right frontal lobar parenchymal bleed", fejn is-sinjali u s-sintomi ta' emorraġija parenkimali ħafna drabi jinkludu uġigħ ta' ras, aċċessjonijiet, u deficits newroloġiċi fokali, bħal problemi ta' taħdit, vista u smigħ. Mill-istess case summary, jidher li Moira dehret bħal donnu "tiffriża" bi "blank stare". Jidher ukoll li t-taħdit ġie affettwat, fejn Moira ma baqgħetx tikkomunika bħal ma kienet qiegħda tagħmel ftit taż-żmien qabel.

Is-Sur Peter Cauchi jirrimarka li Moira kienet damet għal perjodu ta' madwar xahar u nofs fl-isptar Mater Dei, fejn wara ġiet transferita fl-isptar Karen Grech u hemm seta' jerga' jinbeda l-proċess ta' riabilitazzjoni. Jirrimarka li s-Sinjura Cauchi kienet miżmuna f'dan l-isptar sa Settembru 2024, fejn jgħid li martu kienet fl-agħar tagħha f'dan l-isptar u bdiet ikollha episodji kbar ta' ansjetà. Għaldaqstant, is-Sur Cauchi kien ħa d-deċiżjoni li jieħu l-martu f'dar privata, u b'hekk Moira ġiet transferita f'Simblija care home. Hawnhekk is-Sinjura Cauchi kienet damet minn Settembru 2024 sal-1 ta' Diċembru 2024, u jirrimarka li hu kien iħallas €3,000 fix-xahar sabiex tiġi ngħata l-aħjar kura f'ambjent li beda jgħinha aktar mill-isptar.

Fl-1 ta' Diċembru 2024, Moira kienet reġgħet irritornat id-dar, iżda Dr. Malcolm Vella, li huwa l-Konsulent Newrologu ta' Moira, kien informa lil Peter li martu kellha bżonn li xi ħadd jieħu ħsiebha ħin kollu. Għaldaqstant, qabel Moira rritornat lura d-dar, huwa impjega carer sabiex tieħu ħsieb il-martu 24/7. Fil-preżent Moira jidher li anke l-bżonnijiet tagħha m'għadhiex tista' tagħmel u intant ġie rrimarkat li hi spiċċat bil-ħarqa bħal tarbija. Jirrimarka wkoll li darbtejn kuljum jinżlu d-dar tagħhom xi impjegati mill-ComCare, u dan sabiex jassistu u jbiddlu lil Moira. Sal-lum il-ġurnata, Peter għadu jieħu l-martu s-Simbilja home care għal physiotherapy, apparti li għandha wkoll speech therapist u anke jeħodha għal neurofeedback. Għaldaqstant, **<u>jirriżulta li fil-prezent is-Sinjura Cauchi jidher li saret tiddependi totalment minn dawk ta' madwarha u hi ma tistax tagħmel xejn għaliha nnifisha</u>**. Intant ġie rrimarkat ukoll li issa lanqas timxi m'għadhiex u intant għandha l-wheelchair, iżda irid imexxiha ħaddieħor għaliex hija mhijiex kapaċi tagħmel dan hi stess.

Finalment, jirriżulta li konsegwenza ta' dan l-inċident, il-ħajja ta' Moira Cauchi ġiet affettwata kompletament, għaliex qabel ġara dan hija kienet ikkunsidrata bħala s-sapport tal-familja, fejn barra li kienet taħdem bħala bank manager kienet ukoll tieħu ħsieb il-wild tagħha u d-dar. Wara l-inċident, il-folja nqalbet u Moira spiċċat għandha bżonn is-sapport mingħand dawk ta' madwarha bażikament sakemm tintemm ħajjitha. Qabel kellha l-libertà sabiex tagħmel dak kollu li tixtieq qalbha, filwaqt li illum il-ġurnata hija spiċċat dipendenti fuq ħaddieħor u intant lanqas l-affarijiet bażiċi m'għadhiex libera li tagħmel. Fil-prezent jidher li t-terapija ma tantx qiegħda tgħin lil Moira u minkejja li kien hemm xi tip ta' titjib fil-kundizzjoni dan kien pjuttost fil-minimu ... Tajjeb li jingħad li minkejja li waqt din l-intervista s-Sinjura Cauchi kienet preżenti peress li kienet fuq 'sofa chair', il-perjodu li l-Uffiċjal tal-Probation kienet preżenti fid-dar tal-familja Cauchi, Moira m'għamlet l-ebda mozzjoni u ma nislet l-ebda kliem, intant hi bħal donnu kienet iffriżata fl-istess pożizzjoni u lanqas kien hemm ebda movimenti."

12. Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020 ġie verbalizzat illi: "Il-Qorti tinnota li mhux idoneju li tixhed ix-xhud Moira Cauchi. Il-Prosekuzzjoni, il-parte civile u d-difiża jaqblu li mhux idoneju li tixhed Moira Cauchi"

13. L-inċident ħallha impatt kbir mhux biss fuq il-vittma tal-inċident iżda anke fuq il-familjari tagħha inkluż żewġha Peter li kellu fi ftit xhur jabbanduna x-xogħol tiegħu fil-Ġermanja fejn kien jaħdem għall-Ministeru tat-Turiżmu, sabiex jiġi Malta għal kollox biex ikun preżenti b'mod kontinwu fir-rijabilitazzjoni ta' martu, kif ukoll it-tfal tagħha.

14. Fi kliem **<u>Peter Cauchi</u>** meta xehed fit-8 ta' Ottubru 2020:

"sfortunatament komplejt xi ħames xhur oħra, għax kont tiela u nieżel, tiela u nieżel, għax Moira damet ħafna l-isptar u rehabilitation, xi one year and two months, u kelli nirrizenja kontra qalbi u tlift ovvjament ix-xogħol hemmhekk... wara sena u xahrejn l-isptar u rehabilitation aħna kellna ntuha ħafna ħafna sapport biex tiġi daqsxejn aħjar. Hija għandha disability if I am not mistaken of 80% a huge brain trauma, kellha various operations u kellha spine operation, fejn setgħat tiġi wheelchair bound kieku ma rnexxietx, ovvjament dak l-istrain kollu ġiet fuqi u fuq il-familja tiegħi, fuq it-tfal u kollox. It-tifla kienet ser twaqqaf l-Università għax kellha mhux breakdown but she was very much down and she couldn't concentrate. It-tifel l-istess, it-tifel anke pospona anke t-tieġ jiġifieri li kien għal data stipulata, lesta. Ovvjament jiena kelli niġi lura u niddedika ħafna, ħafna ħin għaliha, bit-treatments, neħodha l hemm u l hawn.

… bażikament kellna nibdew mill-bidu…a for apple, b for ball, Moira minn Bank Manager ma tafx tikteb u għadha sal-lum, alfabett xejn, numbers xejn, short memory, ma taħdimx assolutament u kellna ovvjament naħdmu fuq il-past memory biex hi anke tiftakar min aħna, in-nies ta' madwarha etc. Jiġifieri dawn l-aħħar snin għadna sal-lum għaddejin u bl-ispeech speċjalment, to recover the speech, l-ispeech għadu ħafna 'l bogħod…Eating, everything. Hi ma kinitx taf kif tiekol, etc. Aħna bażikament bħat-tfal żgħar hux. Food ikollna nimmiksjawha. We used to mix it biex ma jkunx chunky etc, and good to swallow. Kuċċarina qisna għandek baby. Fhmt biex it is easy to swallow. U ovvjament nerġgħu ngħallmuha kif tiekol bil-furketta u sikkina, I mean from scratch, literally. Anke tmur bathroom etc, għamlet żmien twil bin-nappies. … fejn aħna kellna nerġgħu ngħallmuha kif tmur għat-toilet, jew tavżana biex aħna neħduha, għax anke god-darstess kienet tinsa fejn hu l-bathroom. Għadha sal-lum jiġifieri ċerti affarijiet ma tagħmilhomx id-dar. Eżempju, ssajjar, ma tafx, sempliċiment tbiddel iċ-channel tat-televiżjoni ma tafx. U hi tkun id-dar, jiena at 7:30 nixgħelilha fuq TVM u TVM jibqa' sakemm niġi lura, għax ma tafx, ix-short term memory, tinsa kif teqleb bir-remote, it-televiżjoni. Jiġifieri issa jiena ġieli mmur fil-lunch break u nara, għax issa l-uffiċċju tiegħi qiegħed San Ġwann, biex nara jekk għandhiex bżonn xi ħaġa etc. Anke x-xogħol tagħha bażikament il-Bank issapportjana ħafna u ovvjament bis-saħħa tal-Bank u li kienet tmur il-bank għax hi kienet tħobb ħafna x-xogħol. Hi tħobb ħafna x-xogħol tagħha l-Bank u kienet Manager u qed tmur il-Bank imma tagħmel odd jobs. Odd jobs – filing, tagħmililhom it-te u tmur għal xi file – pero trid assistenza … she needs assistance and just don't know how to work on a computer, I mean ix-xogħol kollu li kien tal-Manager ġie agħar minn messaggier, qed tifhem? U l-Bank issapportjawha almenu tkun qed tagħmel xi ħaġa .. u dak kien a big stepping stone li hi ġiet tikka rehabilitated into normal, what we call a normal life. Within inverted commas."

15. Din ix-xhieda ttieħdet qabel ma s-saħħa tal-parti offiża ddeterjorat mill-ġdid fis-sena 2024 fejn llum il-ġurnata jidher illi l-vittma hija totalment dipendenti fuq il-familja tagħha għall-bżonnijiet kollha tagħha.

16. Wara saga ta' diversi snin fl-2023 ingħatat sentenza minn din il-Qorti diversement presjeduta, liema sentenza kif ingħad imbagħad ġiet appellata u mibgħuta lura lil din il-Qorti ("sabiex il-partijiet ma jiġux privi mill-benefiċċju tad-"*doppio esame*") fuq teknikalitajiet proċedurali permezz ta' sentenza mogħtija fl-2024. Il-kawża kompliet quddiem din il-Qorti kif presjeduta sakemm fis-6 ta' Mejju 2025, ftit inqas minn disa' snin wara l-inċident, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

17. Fit-trattazzjoni tiegħu dwar il-piena, l-abbli avukat difensur sostna illi fis-sentenza tagħha l-Qorti m'għandix toħloq diżgrazzja oħra billi iġġib eżempju bl-imputat għaliex *"an eye for an eye makes the world blind".* Semma diversi fatturi illi fil-fehma tiegħu jimmilitaw favur sentenza li ma tkunx waħda karċerarja, inkluż il-fatt li skont u l-imputat m'huwiex *"a menace in the street",* ma kellu l-ebda inċidenti oħra minn dakinhar 'l quddiem, għandu karattru tajjeb, wera rimors ġenwin wara l-akkadut (inkluż permezz tal-ittra li ġiet ippreżentata fl-aħħar tal-kawża u li xtaq li tiġi mgħoddija lill-vittma – li però rrifjutat li taqraha) u fl-aħħar mill-aħħar ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih. F'dan ir-rigward qal illi l-imputat kien diġà wera l-intenzjoni tiegħu dwar il-ħtija *o meno* dwar l-imputazzjonijiet in kwistjoni meta l-appell tiegħu mill-Ewwel Sentenza llimitah biss għall-piena li kienet ġiet inflitta fuqu u mhux għas-sejbien ta' ħtija. Tenna illi l-appell ġie intavolat biss wara li l-Prosekuzzjoni/parte civile kienu talbu lill-din il-Qorti diversement presjeduta sabiex tittrasmetti l-atti proċesswali lill-Avukat Ġenerali għall-finijiet ta' appell.

18. Semma ukoll punt imqajjem mill-imputat fl-appell fis-sens illi skont hu hemm ġurisprudenza kopjuża illi tindika b'mod ċar illi f'ċirkustanzi simili l-Qrati tagħna japplikaw pieni pekunjarji u mhux kustodjali. F'dan ir-rigward esebixxa ukoll lista ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna mill-2003 sal-2022.

19. L-abbli avukat tal-parte offiża insista illi m'huwiex il-każ illi l-imputat wera rimors ġenwin għall-aġir tiegħu, li s-*social inquiry report* ma tpenġix stampa għall-kollox sabiħa dwar il-karattru tal-imputat u fl-aħħar mill-aħħar li dan kien inċident ikkawżat b'aġir irresponsabbli għall-aħħar mill-imputat li ħoloq effett devastanti fuq il-parti offiża u fuq il-familja tagħha u għalhekk is-sentenza tal-Qorti għandha tirrifletti s-serjeta' ta' dan kollu.

20. Il-Qorti tqis qabel xejn illi fl-istqarrija mogħtija minnu *a tempo vergine* l-imputat altru milli wera xi rimors qawwi tant illi prova jixħet it-tort fuq il-vittma billi stqarr illi l-vittma ħarġitlu minn ġol-ħaxix u li sussegwentement huwa tilef il-kontroll tal-vettura u laqat il-vettura l-oħra li kienet ipparkjata maġenb it-triq. Anke fl-istqarrija tiegħu waqt l-inkjesta *in genere* huwa tenna illi kien għaddej b'veloċita ta' bejn il-40 kfs u l-50 kfs u li l-vittma u l-ħabiba tagħha "iddeċiedu li jaqsmu" u addirittura "tawh qatgħa" u minkejja li paqpaq il-horn spiċċa biex laqat il-vittma meta filfatt irriżulta illi l-vittma u l-ħabiba tagħha kienu filfatt qegħdin għall-affari tagħhom jaqsmu minn fuq il-*pedestrian crossing* (li kien ukoll fuq id-dawl *amber)* u li l-imputat kien qed isuq **<u>b'aktar minn mija u għaxra (110 kfs) kilometru fis- siegħa</u>**. Biex jingħad kollox però fl-aħħar tax-xhieda tiegħu quddiem l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti kien tenna li jiddispjaċih ħafna għal li ġara u li jittama f'Alla li l-vittma jgħaddilha malajr.

21. Huwa minnu illi fir-rikors tal-appell tiegħu (intavolat fil-11 ta' Mejju 2023 – kważi seba' snin wara l-inċident) huwa llimita l-appell tiegħu dwar il-piena imposta, iżda jibqa' l-fatt illi kien biss fis-6 ta' Mejju 2025 (kważi sentejn wara – u b'kollox ftit inqas minn **<u>disa' snin</u>** wara l-inċident) illi l-imputat formalment ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

22. Konsegwentement il-Qorti taqbel mal-abbli avukat tal-parte offiża illi l-imputat qatt ma wera rimors, wisq inqas "rimors ġenwin", għal dak li kkawża b'idejh u li l-ittra tiegħu li kopja tagħha ġiet ippreżentata fit-28 ta' Jannar 2025 sabiex tingħata lill-vittma, ma kienetx prova ta' xi rimors min-naħa tiegħu.

23. Lanqas ma tista' l-Qorti taqbel fis-sħiħ mas-sottomissjoni tal-avukat difensur illi l-imputat m'huwiex *"a menace in the street",* ma kellu l-ebda inċidenti oħra minn dakinhar 'l quddiem u li għandu karattru tajjeb. Ibda biex, il-fedina penali tindika illi fis-6 ta' Novembru 2019 l-imputat ġie misjub ħati illi fis-17 ta' Mejju 2019 mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' terza persuna f'periklu ċar huwa kkaġuna feriti ta' natura gravi fuq terz. Dan seħħ **<u>inqas minn tlett snin wara</u>** li kien, f'ċirkustanzi differenti (fis-sens illi l-kawża odjerna titratta reat involontarju mentri l-kawża l-oħra kienet dwar ġrieħi gravi kkaġunati fi ġlieda), ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuna tal-parti offiża fil-kawża odjerna.

24. Fix-xhieda tagħha u fis-*social inquiry reports* li ħejjiet fl-2022 u fl-2025 **<u>Noelene Cassar</u>** stqarret illi l-imputat kellu trobbija tajba, b'dixxiplina u li ma kien jonqsu

xejn inkluż mill-aspett ta' edukazzjoni għalkemm huwa qatt ma xtaq ikompli l-iskola u filfatt spiċċa għamel biss sar-raba' sena tal-Livell Sekondarju. Omm l-imputat tgħid illi l-inċident ħalla impatt sinjifikanti fuq binha illi sar ibati mill-ansjeta'. L-imputat jgħid li ġie affettwat minn relazzjoni tossika li kellu fil-passat li kienet tinvolvi abbuż verbali mill-*ex-sieħba* tiegħu. Jgħid ukoll illi huwa qabad il-vizzju tal-użu tal-kokajina liema użu sar frekwenti fl-2020 meta ħareġ mir-relazzjoni msemmija. Kien għalhekk li ddeċieda li jfittex iżjed għajnuna billi jmur għand il-Caritas. Fir-rapport tagħha tal-2022 l-uffiċjal tal-*probation* qalet illi hija pruvat tagħmel kuntatt ma' diversi Aġenziji li jaħdmu kontra l-vizzji (Caritas, Sedqa, OASI u ċ-Ċentru tad-Detox) u rriżulta illi l-imputat kien attenda għal erbgħa minn seba' appuntamenti li kellu mal-Caritas bejn id-19 ta' Awwissu 2021 u l-20 ta' Ottubru 2021. Meta ttieħdulu kampjuni tal-awrina, tnejn minnhom (27 ta' Mejju 2022 u 17 ta' Ġunju 2022) irriżultaw posittivi għall-kokajina.

25. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni din il-Qorti diversement presjeduta fl-għoti tagħha tal-Ewwel Sentenza kienet iddeċidiet li toħroġ Ordni ta' Trattament lill-imputat sabiex tiġi indirizzata l-problema tiegħu tal-vizzju tad-droga. Sintendi din l-Ordni ma daħlitx fis-seħħ minħabba li l-Ewwel Sentenza ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell Kriminali iżda imbagħad permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Ġunju 2023 mogħti fuq talba tal-imputat stess, il-Qorti tal-Appell Kriminali ħarġet Ordni ta' Superviżjoni tul il-pendenza tal-proċeduri quddiemha – liema proċeduri ġew konklużi fit-13 ta' Marzu 2024. Fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali l-uffiċjal tal-*probation* irrimarkat billi l-imputat attenda għall-appuntamenti li kienet iffissat u filwaqt li l-kampjuni tal-awrina li ttieħdu fit-30 ta' Ġunju 2023, 7 ta' Lulju 2023 u 17 ta' Lulju 2023 irriżultaw fil-pożittiv għall-kannabis (u fin-negattiv għall-erojia u kokaina), kampjun li ttieħed fil-25 ta' Lulju 2023 (dakinhar tax-xhieda tagħha) irriżulta fin-negattiv għal kollox.

26. Meta imbagħad ġiet biex tħejji r-rapport tagħha aġġornat ftit xhur ilu l-*probation officer* qalet li kienet sabet xi ftit ta' reżistenza fil-bidu fl-atteġġjament tal-imputat iżda imbagħad aċċetta li jerġa jiġi intervista minnha. Huwa jidher li qiegħed f'relazzjoni stabbli mas-sieħba tiegħu u anke sab post ta' impjieg stabbli bħala *Petroleum Inspector*. Ġie indikat ukoll illi t-tul tal-proċeduri ħallew effett fuq l-imputat. Hu nnifsu stqarr illi qed ibati minn *post-trauma* minħabba l-istess u dispjaċir li għandu wara l-akkadut u filfatt imur għand psikjatra sabiex jikkurah. Bħala vizzji huwa m'għandux apparti l-użu tal-kokajina, liema vizzju ħa l-kura għalih

u jinsab taħt kontroll tant illi ilu ma juża minn Diċembru 2024. Tlett kampjuni tal-awrina sottomessi fl-2025 kollha rriżultaw negattiv għal sustanzi lleċiti.

27. F'dan l-istadju l-Qorti ser tagħmel riferenza għas-sentenza kkwotata mill-avukat difensur stess fit-trattazzjoni finali tiegħu (kopja ta' liema ġiet esebita) mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Ayrton D'Amato Quintano** (App. Nru. 325/2018, Onor Imħallef Dr. Neville Camilleri). Ta' min jgħid illi f'tali sentenza il-każ kien jittratta ta' omiċidju involontarju b'kawża ta' sewqan perikoluż. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet *inter alia* s-segwenti:

"Illi din il-Qorti tinnota li Qrati oħra qalu s-segwenti:

- *"… il-pieni li kienu qed jingħataw f'ħafna każijiet t'omiċidju nvoluntarju kienu irreali u jagħtu wieħed x'jaħseb li l-ħajja ta' bniedem f'pajjiżna, hija rħisa w ir-reat in kwistjoni mhux xi ħaġa serja*". [**Il-Pulizija vs. Mark Galea** (Qorti tal-Appell Kriminali – 15 ta' Ottubru 1987)];

- *"Il-piena preskritta mil-liġi għar-reat in kwistjoni hija l- priġunerija li ma teċċedix l-erba' snin jew il-multa. Din il-Qorti jidhrilha li n-nuqqas ta' prekawzjoni ovvja għal perikolu daqstant ovvju, jindika l-piena ta' priġunerija u mhux ta' multa".* [**Il- Pulizija vs. Joseph Busuttil et** (Qorti tal-Appell Kriminali – 26 ta' Novembru 1992)];

- *"Fuq inċidenti bħal dawn din il-Qorti kif preseduta ġja kellha opportunita' tesprimi ruħha preċedentement* [*Vide* ***Il-Pulizija vs. Giovanni Conte*** *deċiża 2 ta' Marzu 2000 u* ***Il-Pulizija vs. Antoine Cassar*** *kif konfermata fil-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Settembru 2009] fejn uriet il-preokkupazzjoni tagħha li paragunati ma' sentenzi f'każijiet simili li jingħataw f'pajjiżi ċivilizzati oħra, s- sentenzi ta' dawn il-Qrati huma pjuttost miti".* [**Il-Pulizija vs. Gordon Micallef** (Qorti tal-Appell Kriminali – 11 ta' Jannar 1994)].

"Illi din il-Qorti tinnota li f'ċerti ċirkostanzi l-ħajja umana ġiet kunsidrata bħala rħisa żżejjed. Mhux qed tgħid pero' li f'kull każ fejn hemm mewt involontarju bħala riżultat ta' inċident tat-traffiku li għandu tassattivament ikun hemm piena ta' priġunerija, għaliex kull każ ivarja minn ieħor. Kull każ għandu verament jiġi trattat fuq il-mertu li jistħoqqlu u kulħadd għandu jkun konxju li vettura, għalkemm hija primarjament mezz għall- użu ta' ħajja aħjar taċ-ċittadin, tista' wkoll tkun arma fatali f'idejn persuni li m'humiex responsabbli biżżejjed biex jadoperawha. Ma

hemmx dubju li f'każ li l-appellat kien aktar responsabbli fis- sewqan tiegħu, li Filomeno Bonavia seta' ma tilifx ħajtu.

Illi fis-sentenza mogħtija fl-1 ta' Awwissu 2009 fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Roderick Cauchi** (Numru 48/2004), il-Qorti tal- Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet hekk:

*"Illi f'dan il-kuntest, huwa għaqli analiżi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliża fl-ismijiet **R v. Boswell** [1984] 6 Cr. App R (s) 257, komposta minn **Lord Lane CJ. Michael Davies** u **Kennedy JJ**. datata dsatax ta' Ġunju 1984 **"The All England Law Reports"**, 1984, Vol. 3, pp. 353 – 361, fejn ġie ritenut, meta l-liġi Ngliża kienet għadha simili għal dik Maltija, li: [...]*

*Mitigating factors include:*

- *The piece of reckless driving which might be described in the vernacular as a 'one off', a momentary reckless error of judgment [such as briefly dozing off at the wheel or failing to notice a pedestrian on a crossing];*
- *A good driving record;*
- *Good character;*
- *A plea of guilty;*
- *A show of genuine remorse or shock; and*
- *Where the victim is a close friend or relative of the driver, the strong emotional effect of his death on the driver."*

28. Fis-sentenza msemmija ta' Aytron D' Amato Quintano, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet ukoll riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino** (App Nru 243/2019, per Onor. Imħallef Aaron M. Bugeja) fejn kien ingħad fost oħrajn is-segwenti:

"12. ... il-ġustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni

tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

15. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

17. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva."

29. Il-Qorti tagħraf dak li ġie stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħhna, inkluż dawk ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, illi:

> "... l-ġurisdizzjoni nostrana ma tħaddanx il-prinċipju ta' stare decisis jew binding precedent. Minkejja dan pero, id-dritt għaċ-ċertezza legali jibqa wieħed mill-prinċipji bażiċi tas-saltna tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem..."

Fl-istess ħin però kif ġie ribadit fis-sentenza **Vincent Xuereb et. v. L-Avukat tal-Istat** (Rik. 622/2023, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali, Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke, deċiża 30/01/2025):

> "huwa stabbilit li filwaqt li l-konsistenza fid-deċiżjonijiet tal-Qrati, speċjalment dawk superjuri hija importanti u għandha tiġi inkoraġġuta, l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza u l-fatt li Qorti tieħu pożizzjoni differenti minn Qorti oħra la jmorru kontra xi prinċipju ta' liġi domestika u lanqas jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Vjolazzjoni tad-drittijiet fundalentali tal-bniedem madanakollu tista tissussisti biss, f'dan il-kuntest, jekk jiġi ppruvat li jkun hemm "*profound and long-standing differences*" fil-ġurisprudenza u d-deċiżjoni tal-Qorti tkun waħda arbitrarja."

30. Il-Qorti fliet is-sentenzi ċitati mill-abbli avukat difensur u l-avukat tal-parti offiża fit-trattazzjoni tagħhom u naturalment għamlet ir-riċerka tagħha. Apparti naturalment li l-fattispecje li jsawwru l-każ odjern mhumiex identiċi għal dawk li jsawwru l-kawżi l-oħra msemmija mid-difiża, jidrilha ukoll illi fil-parti l-kbira tagħhom l-fattispecje li jirrigwardaw il-ġrieħi fit-tul u l-effett devastanti li l-inċident ħallha fuq is-saħħa tal-vittma u ta' madwarha huma għal kollox differenti minn dawk tal-kawża odjerna.

31. L-imputazzjonijiet li ġew addebitati lill-imputat jġorru l-pieni segwenti:

    1. Imputazzjoni numru wieħed (1), offiża involontarja fuq il-persuna taħt l-Art. 226(1)(a) tal-Kap. 9 li ġġib magħha l-konsegwenzi msemmija fl-Art. 218: il-piena ta' priġunerija għal żmien **mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn €4,658.75**;

    2. Imputazzjoni numru tnejn (2), sewqan b'manjiera bla kont, b'manjiera traskurata u perikoluż taħt l-Art.15(1)(a) tal-Kap. 65: il-piena ta' priġunerija għal żmien **mhux iżjed minn sena jew multa ta' mhux iżjed minn €1,200**. Madanakollu jrid jingħad illi fid-data tar-reati l-Art. 15(1)(a) in kwistjoni

kien jipprospetta l-piena ta' priġunerija għal żmien **<u>mhux iżjed minn tlett xhur jew multa ta' mhux iżjed minn € 232.94</u>**

3. Imputazzjoni numru tlieta (3), ħsara involontarja taħt l-Art. 328(d) tal-Kap. 9: il-piena ta' priġunerija għal **<u>mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet</u>**:

32. Il-piena għar-reat ravviżat fit-tieni imputazzjoni hija assorbita f'dik tar-reat ravviżat fl-ewwel imputazzjoni. Bl-applikazzjoni imbagħad tal-Art. 17(b) jew (f) fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, jirriżulta illi l-piena li tista' tingħata lill-imputat hija ta' multa li ma tkunx iżjed minn €5,241.10 jew inkella sentenza ta' priġunerija li ma teċċedix tlettax-il xahar u nofs u dan apparti l-piena addizzjonali tal-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan skont l-Art. 15(2) tal-Kap. 65.

33. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-*sentencing guidelines* maħruġa mis-*Sentencing Council for England and Wales* applikabbli mill-1 ta' Lulju 2023 għar-reat ta' "Causing serious injury by dangerous driving" taħt ir-Road Traffic Act 1988, s.1A. Dawn il-*guidelines* jirrikjedu illi l-Qorti fl-Ingilterra u Wales tieħu l-passi segwenti qabel ma tasal għas-sentenza tagħha:

"Step 1: **Determining the offence category.** The court should determine the offence category with reference only to the factors in the tables below. In order to determine the category the court should assess <u>culpability</u> and <u>harm</u>.

## Culpability

Where there are factors present from more than one category of culpability, the court should weigh those factors in order to decide which category most resembles the offender's case.

**A**

- Deliberate decision to ignore the rules of the road and disregard for the risk of danger to others
- Prolonged, persistent and deliberate course of dangerous driving
- Obviously highly dangerous manoeuvre
- Prolonged use of mobile phone or other electronic device
- Driving highly impaired by consumption of alcohol and/or drugs
- Offence committed in course of evading police
- Racing or competitive driving against another vehicle
- Persistent disregard of warnings of others
- Lack of attention to driving for a substantial period of time
- Speed significantly in excess of speed limit or highly inappropriate for the prevailing road or weather conditions

**B**

- Use of mobile phone or other electronic device (where not culpability A)
- Driving knowing that the vehicle has a dangerous defect or is dangerously loaded
- Driving at a speed that is inappropriate for the prevailing road or weather conditions (where not culpability A)
- Driving impaired by consumption of alcohol and/or drugs (where not culpability A)
- Driving significantly impaired as a result of a known medical condition, and/or disregarding advice relating to the effect of a medical condition or medication
- Driving when deprived of adequate sleep or rest
- Disregarding a warning of others
- The offender's culpability falls between A and C

**C**

- Standard of driving was just over threshold for dangerous driving

## Harm

**Category 1**

- Particularly grave and/or life-threatening injury caused
- Injury results in physical or psychological harm resulting in lifelong dependency on third party care or medical treatment
- Offence results in a permanent, irreversible injury or condition which has a substantial and long term effect on the victim's ability to carry out normal day to day activities or on their ability to work

**Category 2**

- All other cases

Step 2: **Starting point and category range.** Having determined the category at step one, the court should use the corresponding starting point to reach a sentence within the category range in the table below. The starting point applies to all offenders irrespective of plea or previous convictions. An adjustment from the starting point, upwards or downwards, may be necessary to reflect particular features of culpability and/or harm (for example, the presence of multiple factors within one category, the presence of factors from more than one category (where not already taken into account at step 1), or where a case falls close to a borderline between categories)...

| Harm | Culpability | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | C |
| Harm 1 | **Starting point**<br>4 years' custody | **Starting point**<br>3 years' custody | **Starting point**<br>2 years' custody |
| | **Category range**<br>3 – 5 years' custody | **Category range**<br>2 – 4 years' custody | **Category range**<br>1 – 3 years' custody |
| Harm 2 | **Starting point**<br>3 years' custody | **Starting point**<br>2 years' custody | **Starting point**<br>1 year's custody |
| | **Category range**<br>2 – 4 years' custody | **Category range**<br>1 – 3 years' custody | **Category range**<br>26 weeks – 2 years' custody |

## Factors increasing seriousness

**Statutory aggravating factors:**

- Previous convictions, having regard to a) the **nature** of the offence to which the conviction relates and its **relevance** to the current offence; and b) the **time** that has elapsed since the conviction
- Offence committed whilst on bail

**Other aggravating factors:**

- Victim was a vulnerable road user, including pedestrians, cyclists, horse riders, motorcyclists etc
- Driving for commercial purposes
- Driving a goods vehicle, PSV etc
- Other driving offences committed at the same time as the dangerous driving
- Blame wrongly placed on others
- Failed to stop and/or obstructed or hindered attempts to assist at the scene
- Passengers in the offender's vehicle, including children
- Vehicle poorly maintained
- Offence committed on licence or while subject to court order(s)

**Factors reducing seriousness or reflecting personal mitigation**

- No previous convictions or no relevant/recent convictions
- Good driving record
- Actions of the victim or a third party contributed significantly to collision or injury
- Offence due to inexperience rather than irresponsibility (where offender qualified to drive)
- Genuine emergency
- Efforts made to assist or seek assistance for victim(s)
- Remorse
- The victim was a close friend or relative
- Serious medical condition requiring urgent, intensive or long-term treatment
- Age and/or lack of maturity (which may be applicable to offenders aged 18-25)
- Mental disorder or learning disability
- Sole or primary carer for dependent relatives
- Pregnancy, childbirth and post-natal care
- Difficult and/or deprived background or personal circumstances
- Prospects of or in work, training or education

Step 3: **Consider any factors which indicate a reduction for assistance to the prosecution.** The court should take into account section 74 of the Sentencing Code (reduction in sentence for assistance to prosecution) and any other rule of law by virtue of which an offender may receive a discounted sentence in consequence of assistance given (or offered) to the prosecutor or investigator.

Step 4: **Reduction for guilty pleas.** The court should take account of any potential reduction for a guilty plea in accordance with section 73 of the Sentencing Code and the Reduction in Sentence for a Guilty Plea guideline.

Step 5: **Totality principle.** If sentencing an offender for more than one offence, or where the offender is already serving a sentence, consider whether the total sentence is just and proportionate to the overall offending behaviour in accordance with the Totality guideline.

Step 6: **Disqualification, compensation and ancillary orders.** In all cases the court should consider whether to make compensation and/or other ancillary orders.

Step 7: **Reasons.** Section 52 of the Sentencing Code imposes a duty to give reasons for, and explain the effect of, the sentence.

Step 8: **Consideration for time spent on bail (tagged curfew).** The court must consider whether to give credit for time spent on bail in accordance with section 240A of the Criminal Justice Act 2003 and section 325 of the Sentencing Code."

34. Il-Qorti tikkunsidra illi li kieku l-liġi u s-sistema tagħna tippermettilha tapplika dawn il-*guidelines,* tenut kont il-ħsara kbira mwettqa fuq il-vittma, il-punt ta' partenza kien ikun dak ta' erba' snin priġunerija li bl-applikazzjoni ta' fatturi oħra li jżidu s-serjeta' (il-fatt li l-vittma kienet *vulnerable road user* u li tal-inqas inizjalment

l-imputat prova jixħet it-tort fuqha) u oħrajn li jnaqqsuha (fedina penali nadifa, record ta' sewqan tajjeb, l-eta' tal-imputat, prospetti ta' xogħol) jistgħu imbagħad jitnaqqsu għal tlett snin. Naturalment dan ma jfissirx li Qorti tkun obbligata li timponi sentenza karċerarja effettiva. Filfatt l-istess *guidelines* jipprovdu ukoll is-segwenti:

"The approach to the imposition of a custodial sentence should be as follows:

1) **Has the custody threshold been passed?**

- A custodial sentence must not be imposed unless the offence or the combination of the offence and one or more offences associated with it was so serious that neither a fine alone nor a community sentence can be justified for the offence.

- There is no general definition of where the custody threshold lies. The circumstances of the individual offence and the factors assessed by offence-specific guidelines will determine whether an offence is so serious that neither a fine alone nor a community sentence can be justified. Where no offence specific guideline is available to determine seriousness, the harm caused by the offence, the culpability of the offender and any previous convictions will be relevant to the assessment.

- The clear intention of the threshold test is to reserve prison as a punishment for the most serious offences.

2) **Is it unavoidable that a sentence of imprisonment be imposed?**

- Passing the custody threshold does not mean that a custodial sentence should be deemed inevitable. Custody should not be imposed where a community order could provide sufficient restriction on an offender's liberty (by way of punishment) while addressing the rehabilitation of the offender to prevent future crime.

- For offenders on the cusp of custody, imprisonment should not be imposed where there would be an impact on dependants which would make a custodial sentence disproportionate to achieving the aims of sentencing.

3) **What is the shortest term commensurate with the seriousness of the offence?**

- In considering this the court must NOT consider any licence or post sentence supervision requirements which may subsequently be imposed upon the offender's release.

4) **Can the sentence be suspended?**

- A suspended sentence **MUST NOT** be imposed as a more severe form of community order. A suspended sentence is a custodial sentence. **Sentencers should be clear that they would impose an immediate custodial sentence if the power to suspend were not available.** If not, a non-custodial sentence should be imposed."

35. Din il-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkustanzi, sentenza pekunjarja tkun lenjenti wisq biex isservi ta' deterrent u toħloq bilanċ bejn l-għanijiet / effetti prinċipali tal-piena. Inoltre, minkejja li kif intqal kemm il-darba mill-Qrati tagħna, sentenza sospiża m'hijiex sempliċiment *"a slap on the wrist"* kif forsi hemm min jaħseb, hija ukoll il-fehma tal-Qorti illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ din ukoll ma tkunx biżżejjed sabiex tirrifletti s-serjeta' tal-akkadut u l-effetti devastanti li ħallha l-aġir spavald tal-imputat fuq il-vittma u l-familja tagħha.

36. Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll in-nuqqas ta' rimors ġenwin tal-imputat (minkejja l-ittra li prova jibgħat kważi disa' snin wara l-inċident) u l-fatt li minkejja li ammetta, tali ammissjoni ġiet fi stadju ferm tardiv. Kien ikun ferm differenti per eżempju li kieku l-imputat ammetta mal-ewwel opportunita' għaliex b'hekk mhux biss kien jiffranka ħafna spejjeż lill-partijiet u ħela ta' riżorsi lill-Istat iżda inoltre kien jevita tbatija żejda lill-vittma u lill-familjari tagħha li għad li għaddew kważi disgħa snin mill-akkadut għadhom ma rċevewx *closure* bl-għeluq definittiv tal-proċeduri.

37. Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-Qorti ma setgħetx ma tieħux in konsiderazzjoni ukoll il-fattur li skont il-fedina penali tal-imputat jirriżulta illi **inqas minn tlett snin wara** l-akkadut, l-imputat ikkommetta feriti ta' natura gravi fuq persuna oħra f'inċident separat. Għalkemm dan ma kienx inċident tat-traffiku (u filfatt kien jirrigwarda offiża ta' natura volontarja) u l-piena għall-ħtija tiegħu kienet dik ta' Ordni ta' Probation, il-Qorti madanakollu ma tistax tinjora dan il-fatt li xi ftit jew wisq mhux biss jixħet dawl fuq il-karattru tal-imputat iżda inoltre jirrifletti l-valur *o meno* li l-imputat donnu jattribwixxi lill-ħajja umana.

38. Għalhekk il-Qorti tħoss illi piena karċerarja effettiva ta' disa' xhur tkun xierqa u għandha sservi mhux biss ta' deterrent għal min jidhirlu li jista' jsuq kif irid u

b'liema veloċità jrid fit-toroq tagħna iżda inoltre tkun tirrifletti l-prinċipju illi l-ħajja umana hija prezzjuża u għandha tkun protetta *at all costs.* Il-Qorti hija tenuta tapplika ukoll il-piena addizzjonali ta' skwalifika mill-liċenzja tas-sewqan ai termini tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65, liema skwalifika għandha tkun għal terminu ta' mhux inqas minn tlett xhur stante illi dan kien każ ta' sewqan b'manjiera perikoluża. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis illi perjodu ta' skwalifika ta' tlett (3) snin jkun wieħed xieraq.

39. Finalment il-Qorti tħoss li tkun qed tonqos jekk ma ssemmiex xi ħaġa notevoli li attirat l-apprezzament jekk mhux ukoll l-ammirazzjoni tagħha, ossia l-imġieba impekkabbli li wera r-raġel tal-vittma matul dawn il-proċeduri, li minkejja li tilef ħafna u għadu għaddej minn kalvarju flimkien mal-familja tiegħu, fid-diversi drabi li deher quddiem il-Qorti qatt ma ħalla l-effetti ta' dan l-inċident jinfluwenzawh bil-mod kif iġib ruħu quddiemha inkluż fil-konfront tal-imputat.

**Deċiżjoni**

40. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi (Art. 17, Art. 226(1)(a), 328(d) u 533 tal-Kap. 9, u l-Art. 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih fuq ammissjoni tiegħu stess. Għal kull bwon fini jingħad li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-ħtija hija dwar sewqan b'mod perikoluż. Il-Qorti qed timponi piena karċerarja effettiva ta' disa' xhur u inoltre tiskwalifika lill-ħati milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal tlett (3) snin.**

**Il-Qorti inoltre tikkundanna lill-ħati sabiex ai termini tal-Art. 533 tal-Kap. 9 iħallas lir-Reġistratur is-somma ta' elf sitt mija sitta u tmenin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€ 1,686.78) rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra tal-esperti maħtura fl-inkjesta dwar l-*in genere* entro disa' (9) xhur mil-lum.**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur